# Minuti tat-Tmienja u Tletin-il (38) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur il-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2014 fl-4:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |
| *Joseph Azzopardi* | *Agent Segretarju Eżekuttiv* |

Danica Ann Cassar – l-Ambaxxatrici taż-żgħżagħ informat lis-Segretarju Eżekuttiv li mhix ser tattendi għall-laqgħa minħabba mpenji oħra.

Dr. Rita Mifsud waslet fil-5:00 p.m.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Merħba.** Il-Kunsill ta merħba lis-Sur Joseph Azzopardi li ġie maħtur bħala Agent Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru sebgħa' u tletin (37) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Triq Għajn Qasab.** Dr. Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni li ma ġietx imsemmija fil-minuti t-talba tagħha sabiex l-entratura ta' Xurdin (ħdejn iċ-Cimiterju Tal-Ħniena Divina) titwessa'. Is-Sindku qal li sabiex it-Triq titwessa' giet mcekkna parti mill-bankina fl-istess Triq .

5. **Proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-materjal tal-pavimenar għandu jasal fil-jiem li ġejjin. Il-LA mill-Water Services Corporation għandha tasal uffiċċjalment ukoll. Saret laqgħa mas-Sinjura Astrid Vella tal-FAA dwar is-siġar. Għal din il-laqgħa kien preżenti s-Sur Lansley, li huwa espert fis-sigar u jaħdem fil-ġnien ta' Buckingham Palace. Is-Sur Lansley ra s-siġar u kkonkluda li s-siġar eżiżtenti ta' Pjazza San Pietru u San Pawl iridu jitneħħew. Dawn qed jikkawżaw ħsarat fil-bini, sistemi ta' drenaġġ u pavimentar tal-Pjazza. Qal ukoll li s-siġar ġew imħawwlin wisq viċin il-bini u ta' xulxin. Esther Vella qalet li l-FAA (Flimkien għal Ambjent Aħjar) huma kuntenti ħafna li

l-Kunsill Lokali tan-Nadur laqa' t-talba tagħhom sabiex niltaqgħu magħhom. Il-Kunsilliera preżenti (Charles Said, Eucharist Camilleri, Maria Natoli u s-Segretarju Ezekuttiv , Rita Mifsud Attard), kuntrattur u perit tal-Kunsill ġew informati kif għandhom jinqalgħu s-siġar li għad fadal sabiex isir mill-inqas ħsara fuqhom. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill, li l-Kunsill għamel talba lill-Paying Agency sabiex jieħu parti mill-fondi taħt il-Measure 313 qabel ma jitlesta l-proġett.

6. **Dramm.** Eucharist Camilleri qal li hu tkellem ma' Dun Martin Portelli dwar attivita speċjali fl-okkazzjoni tas-60 sena anniversaru minn meta lahaq qassis. Hu jaqbel li jittella' d-dramm il-kbir. Eucharist Camilleri għandu jġib stima ta' l-ispejjes inkonnessjoni ma dan. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm bżonn, għal din is-sena d-dramm isir minflok attivita oħra tal-Kunsill, peress li l-Kunsill ma jiflaħx għall aktar spejjes taħt il-fondi ta' attivitajiet.

7. **Zjara tal-President**. Il-Kunsill bagħat il-programm taż-żjara tal-E.T. il-President lill-uffiċċju tal-President. L-Għaqdiet tan-Nadur għamlu diversi attivitajiet bħala fund raising għal dan il-għan. Il-programm ta' nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru huwa qasir minħabba mpenji tal-President . Il-Kunsill qed jikkoordina iz-Zjara tal-President fin-Nadur .

8. **Kunċert "Christmas Cheers".** Il-band li twaqqfet apposta biex tagħmel il-performance fis-26 ta' Diċembru, "Christmas Tapestry" mhux ser titlob ħlas lill-Kunsill iżda talbet li waqt il-Kunċert isir ġbir ta' fondi (donazzjonijiet) mill-ispetturi) u dawn jingħataw lill-karita ta' l-għażla tagħhom. Fil-Kuncert ser jiehdu sehem wkoll Freddie Portelli u Ron Briffa.

9. **Żjara fl-Italja.** Ġiet diskussa iż-żjara fl-Italja f'Mejju. Din għandha titpoġġa fuq il-website tal-Kunsill u paġna tal-Kunsill fuq il-Facebook meta jkollna d-dettalji kollha (i.e. prezz, programm, dati)

10. **Karnival 2015.** Il-Kunsill bagħat ittra lill-GFA biex jinformahom bid-dati tal-Karnival organizzat biex kemm jista jkun ma jsirx logħob tal-football (bit-tim tan-Nadur) f'dik il-ġurnata.

11. **Korrispondenza.**

(5146) E-mail minghand rural Development Department dwar sigar tal-palm infettati
(5147) Artiklu fin-Nazzjon miktub mill-Kav. Joe M.Attard dwar il-Kuncert ta' Muzika Sagra fin-Nadur
(5148) E-mail minghand Galea Curmi dwar rikjesta ghal bozza gdida fi Triq Torri Sopu
(5149) Ittra minghand l-ghaqda Zghazagh Imnarja fejn jinformaw lill-Kunsill bis-sehem taghhom fil-Christmas Market
(5150) Ittra stedina minghand Gozo Action Group ghall-laqgha Generali Annwali 2013
(5151) E-mail minghand il-GAGF Manager dwar M313 biex javzaw li x-xoghol ghandu jsir u jithallas sal-ahhar ta' Mejju 2015

**Charles Said, Sindku**



**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**

(5152) Memo 27/2014 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali 2014-2015
(5153) E-mail minghand ic-Chief of Staff fejn qed jitlob id-dettalji tal-programm taz-zjara tal-President
(5154) E-mail minghand Lisa Marie Brooke b'kopja annessa tal-ittra tal-President li se tintbagħat fid-djar
(5155) Kopja tal-ittra tal-President
(5156) Kopja tal-User guide ta CO2ZW

(5157) Memo 29/2014 dwar il-lista ta' pagamenti
(5158) Ittra mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar lista ta' applikanti għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill tan-Nadur
(5159) Ittra minghand il-MEPA li tikkonferma li l-amendi mitluba mill-Perit gew accettati

12. **Memo 30/2014 Spazji Pubbliċi – Zoni Miftuħa.** Il-Kunsill ġie mitlub biex iħejji lista ta' spazji pubbliċi u żoni miftuħa li jistgħu jitjiebu. Il-Kunsilliera semmew: 1) Ir –Rock Garden fi Triq Għajn Qasab, Playing Field ta' Triq Xandriku, l-Entratura tan-Nadur minn ta' Xħajma u l-Entratura tan-Nadur minn Triq l-Imgarr.

13. **Siġar tal-Palm.** Il-Kunsill ġie nnotifikat mill-Plant Health Directorate li hemm siġra tal-Palm fi Triq Bingemma infettata bir-Red Palm Weevil u għalhekk din trid titneħħa. Il-Kunsill irċieva rapport li siġra tal-Palm fi Triq it-Tramuntana wkoll hija infettata. Din ġiet irraportata lill-Plant Health Directorate. Il-Kunsill ser jinkariga lill ELC sabiex jieħu ħsieb dawn is-siġar.

14. **Ħatra ta' Agent Segretarju Eżekuttiv.** Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nformat li Joseph Azzopardi ġie maħtur bħala Agent Segretarju Eżekuttiv. Dan wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-vakanza tal-post ta' Segretarju Eżekuttiv u ma kienx hemm applikazzjonijiet validi. Il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet iżda l-applikanti ma kienux fil-lista tal-pool ta' segretarji eżekuttivi. Joseph Azzopardi ġie maħtur mill 5 ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv Rita Mifsud Attard ser tibqa fil-pożżizjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru sabiex jingħata "hand over" l-Agent Segretarju Eżekuttiv.

15. **Karnival 2015.** Eucharist Camilleri nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tan-Nadur Youngsters ser jorganizza ballu tal-Karnival il-Ħamis 12 ta' Frar. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza attivita qabel din id-data sabiex ma jkunx hemm "gap" bejn il-Karnival organizzat (8 ta' Frar) u l-Karnival spontanju. Ma kienx hemm qbil dwar dan għaliex il-Kunsill diġa qed jorganizza attivita li tikkonsisti f'show (ritratti u video) fil-ħwienet taċ-centru tar-raħal matul dawn il-jiem. Barra minn hekk il-Kunsill ma jiflaħx jorganizza attivita oħra. Is-Sindku qal li d-danza ikkumissjonata mill-Kunsill ser tagħmel ix-show tagħha iżjed minn darba. Eucharist Camilleri kompla jgħid li kif irħula oħra jingħataw fondi sabiex ikabbru l-attivitajiet tagħhom u dawn ingħataw €20,000 bħala għajnuna, l-Kunsill tan-Nadur għandu jingħata l-istess somma peress li l-Karnival tan-Nadur jiġbed lit-turisti u Maltin lejn il-Gzira Għawdxija fi żmien meta ma jkunx hawn kummerċ. Din is-sena l-Kunsill tan-Nadur ingħata €10,000 taħt l-Iskema ta' Attivitajiet Kulturali. Ġiet iffisata d-data

**Charles Said, Sindku**



**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**

għall-laqgħa tas-Sotto Kumitat organizzattiv. Din ser tkun nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar fis-7:00 p.m.

16. **Bozza ġdida fi Triq Torri Sopu.** Wara li l-Kunsill talab lill-Inginier u contract manager,Galea Curmi, għall-bozza ġdida f'din it-triq, il-Kunsill ġie mgharraf li biex titwaħħal bozza f'dan il-post ser tiġi tiswa madwar €6380. L-Inġinier issuġġerixxa li teħel bozza bis-sistema tas-solar. Il-Kunsill ser jitlob lill-Galea Curmi għal-stima ta' din.

17. **Kuncert "Christmas Cheers".** Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jkun hemm pubbliċita tajba u qawwija għall-kunċert li qed jiġi organizzat mill-Kunsill fis-26 ta' Diċembru. Il-Kunsill għandu jipprintja 2000 flyers, daqs ta' A5 (bħal poster) u dawn jitqassmu mal-bulletin, fil-lukandi. Barra dawn għandha tintbagħat soft copy tal-flyer lir-residenti barranin.

18. **Offerti.** Il-Kunsill irċieva mingħand il-perit tal-Kunsill l-evalwazzjoni tal-offerti ta' Tender NLC 11-2014 Resurfacing of St. Joseph Street and St. Korunatu Street.

Gatt Tarmac€33,137.00 Road Construction Co. Ltd. €30,702.00

L-evalwazzjoni tindika li l-offerta ta' Road Construction Co. Ltd. biss kienet "compliant" għaliex ta' Gatt Tarmac kellha xi informazzjoni nieqsa. Is-Sindku ppropona biex dan ix-xogħol isir fis-sena 2015. Dr. Josianne Cutajar qalet li hi trid tkun taf jekk il-Kunsill hux qiegħed f'pozzizjoni finanzjarja tajba biex dan ix-xogħol isir u nistgħu nistennew sal-laqgħa li jmiss biex nieħdu deċiżjoni. Iżda il-Kunsilliera Eucharist Camilleri u Dr. Rita Mifsud qablu li dawn iż-żewġ toroq isiru. Maria Natoli u Dr. Josianne Cutajar qalu li huma wkoll jaqblu li dawn it-toroq isiru jekk il-finanzi tal-Kunsill jippermettu.

19. **Performance Appraisal.** Is-Sindku għamel mozzjoni biex is-Segretarju Ezekuttiv, Rita Mifsud Attard tingħata l-performance bonus ta' effiċjenza ta' 10% u tal-iskrivana Claire Hili ta' 6%. Dr. Josianne Cutajar issekondat il-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament. Eucharist Camilleri qal li l-Kunsill għandu jaħtar lil Rita Mifsud Attard fis-sotto kumitat organizzattiv u dan għaliex għandha ħafna esperjenza fl-attivitajiet. Dr. Rita Mifsud qalet li Rita Mifsud Attard għandha tkun fid-delegazzjoni tac-Charter. Is-Sindku kompla jgħid li Rita Mifsud Attard għandha tmexxi d-delegazzjoni tac-Charter. Rita Mifsud Attard informat lill-Kunsill li hi lesta li tkompli tagħmel l-updates tal-website tal-Kunsill kif ukoll tal-paġna tal-Facebook tal-Kunsill sakemm jinħatar persuna oħra għal dan ix-xogħol u dan ser tagħmlu bla ħlas. Hi offriet ukoll li tkompli tieħu ħsieb li kors tal-keep fit (ftuh u għeluq tal-premises) ta' nhar ta' Tlieta. Il-Kunsilliera qablu li hi tkompli tieħu ħsieb dawn.

20. **Parental Skills.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Tanya Farrugia sabiex torganizza kors tal-Parental Skills. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mas-Sinjura Farrugia dwar dan.

**Charles Said, Sindku**



**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**

Il-laqgħa ntemmet fil-5:30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

Charles Said, Sindku



Joseph Azzopardi
Agent Segretarju Eżekuttiv

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 2014 11/Dec/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | P & J Debono Cons. Ltd. | €69.37 | €69.37 | | Cement | 12/01/14 | 17601 | 13359 |
| 2 | Go Plc | €109.79 | €109.79 | | Telephone bill | 12/02/14 | 40839073 / 40893355 | 13360 |
| 3 | Ozone Ltd. | €33.74 | €33.74 | | Telephone bill | 29/11/14 | 105458 | 13361 |
| 4 | Mary Attard | €95.85 | €95.85 | | Librarian November | 30/11/14 | | 13362 |
| 5 | Mario Mallia | €167.55 | €167.55 | | Road traffic mirrors | 12/01/14 | 356/14 | 13363 |
| 6 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Public Convenience - November | 12/05/14 | 8664076 | 13364 |
| 7 | Medialink Communications | €72.00 | €72.00 | | books for library | 26/11/14 | 12028382 | 13365 |
| 8 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Gnien il-Kunsill - October | 12/02/14 | 81 | 13366 |
| 9 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Gnien il-Kunsill - November | 12/02/14 | 82 | 13367 |
| 10 | Marvin Camilleri | €181.50 | €161.50 | | San Blas/ Tal-Hali - November | 30/11/14 | 58 | 13368 |
| 11 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta Kenuna - November | 30/11/14 | 59 | 13369 |
| 12 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Opening of public convenience - November | 30/11/14 | 44 | 13370 |
| 13 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Cleaning of San Blas Area | 30/11/14 | 28 | 13371 |
| 14 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract manager fee | 28/11/14 | 3020 | 13372 |
| 15 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel Allowance | 11/03/14 | | 13373 |
| 16 | John Ivan Xuereb | €965.26 | €965.26 | | General Hand - November | 30/11/14 | | 13374 |
| 17 | Francis Caruana Ltd. | €112.50 | €112.50 | | Seretizzi u kurrenti | 11/01/14 | 61121 | 13375 |
| 18 | Oliver Smart Sigs | €41.30 | €41.30 | | Sign on PVC | 27/10/14 | 2323 | 13376 |
| 19 | BCD Graphics Ltd | €84.00 | €84.00 | | Printing of Posters | 18/11/14 | 4967 | 13377 |
| 20 | Eagle Security Systems | €23.60 | €23.60 | | CCTV Service Call | 19/10/14 | 595 | 13378 |
| | **Total** | **€3,163.08** | **€3,143.08** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Michael refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of cesspit | 13/09/14 | 3718 | 13379 |
| 22 | Joseph Rapa | €2,033.50 | €2,033.50 | | Various pavements | 24/11/14 | 3340057 | 13380 |
| 23 | Gelluxa Supplies Ltd | €33.60 | €33.60 | | Twistees | 11/11/14 | 18844 | 13381 |
| 24 | Joseph Louis Meilak | €200.00 | €200.00 | | Gieh in-Nadur Trophy | 11/08/14 | 0001/14 | 13382 |
| 25 | George Grech | €791.00 | €791.00 | | Gazibos | 12/01/14 | 33 | 13383 |
| 26 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweeping of Xaghri Area | 30/11/14 | | 13384 |
| 27 | Carmelo Galea & Associates | €150.00 | €150.00 | | Service rendered | 12/05/14 | | 13385 |
| 28 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 17/12/14 | | 13386 |
| 29 | Francis Caruana Ltd | €174.44 | €174.44 | | Tiles | 11/03/14 | 61025 | 13387 |
| 30 | Mario Vella | €80.00 | €80.00 | | Rent of property for Halloween | 24/11/14 | | 13388 |
| 31 | Onorarju tas-sindku | €974.37 | €974.37 | | Onorarju tas-Sindfu | 26/12/14 | | 13389 |
| 32 | Allowance tal-kunsilleri | €426.00 | €426.00 | | Councillor's allowance | 26/12/14 | | 13390 |
| 33 | Allowance tal-kunsilleri | €480.00 | €480.00 | | Councillor's allowance | 26/12/14 | | 13391 |
| 34 | Allowance tal-kunsilleri | €480.00 | €480.00 | | Councillor's allowance | 26/12/14 | | 13392 |
| 35 | Impjegat Skala 7 | €480.00 | €480.00 | | Councillor's allowance | 26/12/14 | | 13393 |
| 36 | Allowance tal-kunsilleri | €1,634.80 | €1,634.80 | | Salary | 26/12/14 | | 13394 |
| 37 | Impjegat Skala 14 | €1,166.35 | €1,166.35 | | Salary | 26/12/14 | | 13395 |
| 38 | Void | VOID | Void | | Void | 26/12/14 | | 13396 |
| 39 | Commissioner of Inland revenue | €2,451.84 | €2,451.84 | | December | 26/12/14 | | 13397 |
| 40 | Impjegat Skala 15 | €1,743.37 | €1,743.37 | | Salary | 26/12/14 | | 13398 |
| | **Sub total** | **€4,614.74** | **€4,594.74** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€3,163.08** | **€3,143.08** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€7,777.82** | **€7,737.82** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**
**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 77 | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | Sub total | €0.00 | €0.00 | | | | | |
| | Sub Total b/f | €7,777.82 | €7,737.82 | | | | | |
| | Total | €7,777.82 | €7,737.82 | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv